

Dispożittiv

- 1) Billi ma kkomunikatx il-pjanijiet u l-qafas meħtieġa mill-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE, tas-16 ta' Settembru 1996, dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT), ir-Repubblika ta' Malta naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11, moqri flimkien ma' l-Artikolu 54 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea.
- 2) Ir-Repubblika ta' Malta hija kkundannata tbat i-ispejjeż.

(¹) ĠU C 56, 10.3.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ferriere Nord SpA

(Kawża C-516/06 P) (¹)

(Appell — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni — Multa — Infurzar — Regolament (KEE) Nru 2988/74 — Perijodu ta' limitazzjoni — Att li jagħti lok għal dannu — Inammissibbiltà)

(2008/C 22/24)

Lingwa tal-proċedura: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Di Bucci u F. Amato, aġenti)

Parti l-oħra fil-kawża: Ferriere Nord SpA (rappreżentanti: W. Viscardini u G. Donà, avukati)

Suġġett

Appell kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Settembru 2006, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-153/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kkomunikati b'ittra tal-5 ta' Frar 2004 u b'faks tat-13 ta' April 2004, dwar il-bilanċ mhux imħallas tal-multa imposta fuq Ferriere Nord SpA permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/515/KEE, tat-2 ta' Awwissu 1989, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (IV/31.553 — Materjali wweldjati)

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tas-27 ta' Settembru 2006, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-153/04), hija annullata.
- 2) Ir-rikors għal annullament ta' Ferriere Nord SpA kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, innotifikati b'ittra tal-5 ta' Frar 2004 u b'faks tat-13 ta' April 2004, dwar il-bilanċ mhux imħallas tal-multa imposta fuq Ferriere Nord SpA permezz tad-Deċiżjoni 89/515/KEE tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Awwissu 1989, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (IV/31.553 — Materjali wweldjati), huwa inammissibbli.
- 3) Ferriere Nord SpA hija ordnata tbat i-ispejjeż relatati maż-żewġ istanzi.

(¹) ĠU C 42, 24.2.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-6/07) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/74/KE — Protezzjoni ta' l-impjegati — Insolvenza ta' min iħaddem)

(2008/C 22/25)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Enegren u R. Vidal Puig, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: F. Díez Moreno, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/74/KE tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill Nru 80/987/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqs mal-protezzjoni ta' l-impjegati f'każ ta' insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 270, p. 10)

Dispożittiv

1) *Peress li naqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/74/KE tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill Nru 80/987/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-impjegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom, ir-Renju ta' Spanja naqas mill-obbligi imposti fuqu minn din id-direttiva.*

2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 56, 10.3.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-34/07) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/109/KE — Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul — Nuqqas ta' transpożizzjoni fit-terminu stabbilit)

(2008/C 22/26)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: M. Condou-Durande, aġent)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, p. 44)

Dispożittiv

1) *Billi m'adottax, fit-terminu stabbilit, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond din id-Direttiva.*

2) *Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa ordnat ibati l-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 69, 24.3.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-57/07) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/86/KE — Dritt għal riunifikazzjoni tal-familja — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu preskritt)

(2008/C 22/27)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: M. Condou-Durande, aġent)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, p. 12).

Dispożittiv

1) *Billi ma adottax, fit-terminu preskritt, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas mill-obbligi imposti fuqu skond din id-direttiva.*

2) *Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 95, 28.4.2007.